



Brussell, 29 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

**10815/22**

**SAN 424  
MI 528  
COMPET 560  
FISC 149  
DELACT 105  
UD 134**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn: Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 29 ta' Ġunju 2022

lil: Segretarjat Ĝeneralu tal-Kunsill

Nru dok. Cion: C(2022) 4367 final

---

Suġġett: DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 29.6.2022 li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4367 final.

---

Mehmuż: C(2022) 4367 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 29.6.2022  
C(2022) 4367 final

**DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 29.6.2022**

**li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Id-Direttiva 2014/40/UE<sup>1</sup> għandha l-għan li tiffaċilita l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għat-tabakk u għall-prodotti relatati, billi tieħu bħala bażi livell għoli ta' protezzjoni tas-sahħha, speċjalment għaż-żgħażaq. Skont l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40/UE, il-prodotti kollha tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim huma eżentati mill-projbizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti jew li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom jew li ġandhom ċerti karatteristiċi tekniċi. Abbażi ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi kif definit fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40/UE, li tikkonsisti f'żieda sostanzjali fil-volumi tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna, din id-Direttiva Delegata tneħħi dik l-eżenzjoni għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna. Għall-istess raġunijiet, id-Direttiva Delegata tneħħi l-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħtu eżenzjonijiet għal prodotti tat-tabakk imsaħħna mir-rekwiżiti tat-tikkettar imsemmija fl-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/40/UE.

Din id-Direttiva Delegata twieġeb għall-obbligi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(12) u l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40/UE li testendi l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti jew li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom jew li ġandhom ċerti karatteristiċi tekniċi (li digħi jażi għas-sigaretti u għat-tabakk tal-brim) għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna u li tneħħi l-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħtu eżenzjonijiet għal dawn il-prodotti mir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/40/UE.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Intużat firxa wiesgħa ta' sorsi ta' *data* biex jiġi stabbilit li l-limiti msemmija fl-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40/UE ntlaħqu. Dawk is-sorsi ta' *data* huma miġbura fil-qosor fir-Rapport dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan<sup>2</sup>. L-Artikolu 7(12) u l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40/UE ma jagħtux diskrezzjoni lill-Kummissjoni iżda jħallulha l-kompiu tekniku li tistabbilixxi jekk kienx hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi għal kategorija ta' prodott partikolari, li ġandha tirriżulta fil-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħmiet karatterizzanti jew li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom jew li ġandhom ċerti karatteristiċi tekniċi, li testendi għal dik il-kategorija ta' prodott partikolari u fit-tnejħi tal-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħtu eżenzjonijiet minn ċerti rekwiżiti ta' tikkettar għal dik il-kategorija ta' prodotti. L-ġħażla politika li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħmiet karatterizzanti, bil-ħsieb li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-sahħha, b'mod partikolari għaż-żgħażaq, digħi ja saret mil-leġiżlatura tal-Unjoni fid-Direttiva 2014/40/UE nnifisha (ara wkoll il-premessi 19 u 26 ta' dik

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-aprossimazzjoni tal-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1).

<sup>2</sup> Rapport tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan f'konformità mad-Direttiva 2014/40/UE, COM/2022/279 final.

id-Direttiva). Il-“Grupp ta’ esperti dwar il-politika tat-tabakk” ġie kkonsultat u pprovda l-parir tiegħu dwar din id-Direttiva Delegata.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 7(1) u (7) tad-Direttiva 2014/40/UE jipprobixxi t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti tat-tabakk b’togħma karakterizzanti jew li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karakteristika teknika li tippermetti l-modifika tar-riħa jew tat-togħma tagħhom jew tal-intensità tad-duħħan tagħhom. Skont l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40/UE, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati minn dawn il-projbizzjonijiet. Dak il-paragrafu jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati li jirtiraw dik l-eżenzjoni għal kategorija ta’ prodott partikolari, jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi kif stabbilit f’rapport tal-Kummissjoni.

L-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/40/UE jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw lill-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati stipulati fl-Artikolu 10. L-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40/UE jirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati, sabiex tirtira l-possibbiltà li jingħataw eżenzjonijiet għal kwalunkwe kategorija partikolari tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 11(1) jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi kif stabbilit f’rapport tal-Kummissjoni għall-kategorija ta’ prodotti kkonċernata.

L-Artikolu 2(28) tad-Direttiva 2014/40/UE jiddefinixxi l-“bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi” bħala żieda tal-volumi tal-bejgħ skont il-kategorija tal-prodotti b’mill-inqas 10 % f’mill-anqas ħames Stati Membri, abbażi tad-data tal-bejgħ trażmessu f’konformità mal-Artikolu 5(6) jew żieda tal-livell ta’ prevalenza tal-użu fil-grupp tal-konsumaturi li għandhom inqas minn 25 sena b’mill-anqas ħames punti perċentwali f’mill-anqas ħames Stati Membri għall-kategorija tal-prodott rispettiva bbażata fuq ir-rapport Speċjalisti tal-Ewrobarometru nru 385 ta’ Mejju 2012 jew studji ta’ prevalenza ekwivalenti. Skont dik id-dispożizzjoni, bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi titqies li ma tkunx seħħet jekk il-volum tal-bejgħ fil-kategorija tal-prodott fil-livell tal-bejgħ bl-imnut ma jaqbiżx it-2,5 % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni.

Ir-rapport dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkostanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan jistabbilixxi li dawn il-limiti ġew issodisfati għall-prodotti tat-tabakk imsahħħna u li għalhekk kien hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi li jikkonċernaw dik il-kategorija partikolari ta’ prodotti. Għalhekk, skont l-Artikolu 7(12) u l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2014/40/UE, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat li jneħħi l-eżenzjoni mill-projbizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) u (7) tad-Direttiva 2014/40/UE fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsahħħna, u l-possibbiltà tal-Istati Membri li jagħtu eżenzjonijiet għall-prodotti tat-tabakk imsahħħna mir-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Artikolu 9(2) u fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2014/40/UE.

## DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 29.6.2022

**li temenda d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-irtirar ta' ċerti eżenzjonijiet fir-rigward tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tkomprex id-Direttiva 2001/37/KE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(12) u 11(6) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikoli 7(1) u (7) tad-Direttiva 2014/40/UE jipprobixxu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti jew prodotti tat-tabakk li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tar-riħa jew tat-togħma tal-prodotti tat-tabakk ikkonċernati jew l-intensità ta' duħħan tagħhom.
- (2) Skont l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40/UE, il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim huma eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7.
- (3) L-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/40/UE jippermetti lill-Istati Membri li jeżentaw lill-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim u t-tabakk tal-pipi tal-ilma mill-obbligu li jintwerew il-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħa kkombinati stipulati fl-Artikolu 10.
- (4) Prodott tat-tabakk imsaħħan huwa prodott tat-tabakk ġdid li jiġi jipproduċi emissjoni li fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad tinġibed man-nifs mill-uttent(i) u li, skont il-karatteristiċi tiegħi, huwa prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew prodott tat-tabakk għat-tipjip.
- (5) Fir-Rapport dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan<sup>2</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi rigward il-prodotti tat-tabakk imsaħħan. Ir-rapport jipprovdi informazzjoni u statistika dwar l-iżviluppi tas-suq li juru li kien hemm żieda fil-volumi tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna b'mill-anqas 10 % f'mill-inqas ħames Stati Membri u li l-volum tal-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk imsaħħna fil-livell tal-bejgħ bl-imnun qabeż il-2,5 % tal-bejgħ totali tal-prodotti tat-tabakk fil-livell tal-Unjoni.

<sup>1</sup> ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.

<sup>2</sup> Rapport tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi għall-prodotti tat-tabakk imsaħħan f'konformità mad-Direttiva 2014/40/UE, COM/2022/279 final.

- (6) Fid-dawl ta' dik il-bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi rigward il-prodotti tat-tabakk imsaħħna, l-Artikolu 7(12) tad-Direttiva 2014/40/UE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex tīgi estiża l-projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk b'togħma karatterizzanti jew li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom bħal filtri, karti, pakketti, kapsuli jew kwalunkwe karatteristika teknika li tippermetti l-modifika tar-riħa jew tat-togħma tal-prodotti tat-tabakk ikkonċernati jew l-intensità tad-duħħan tagħhom, li digħi teżisti għas-sigaretti u u għat-tabakk tal-brim, għall-prodotti tat-tabakk imsaħħna.
- (7) Għall-istess raġunijiet, l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/40/UE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex tīgi rtirata l-possibbiltà għall-Istati Membri li jagħtu eżenzjonijiet għal prodotti tat-tabakk imsaħħna, sa fejn huma prodotti tat-tabakk għat-tipjip, mill-obbligi li jġorru l-messaġġ ta' informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħha kkombinati stabbiliti fl-Artikolu 10.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2014/40/UE tīgi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*  
**Emendi għad-Direttiva 2014/40/UE**

Id-Direttiva 2014/40/UE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7(12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Il-prodotti tat-tabakk għajr is-sigaretti u t-tabakk tal-brim għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 27, sabiex tirtira dik l-eżenzjoni għal kategorija partikolari ta' prodott jekk ikun hemm bidla sostanzjali taċ-ċirkustanzi kif stabbilit f'rapport tal-Kummissjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, “prodott tat-tabakk imsaħħan” tfisser prodott tat-tabakk ġdid li jissaħħan biex jiproduċi emissjoni li jkun fiha n-nikotina u sustanzi kimiċi oħra, li mbagħad tingħibed man-nifs mill-utent(i), u li, skont il-karatteristiċi tiegħi, huwa prodott tat-tabakk li ma jdaħħanx jew prodott tat-tabakk għat-tipjip.”

- (2) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

- (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

It-tikkettar tal-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr sigaretti, it-tabakk tal-brim, it-tabakk tal-pipi tal-ilma u t-tabakk imsaħħna”;

- (b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-prodotti tat-tabakk għat-tipjip għajr is-sigaretti, it-tabakk tal-brim, it-tabakk tal-pipi tal-ilma u t-tabakk imsaħħna kif definit fl-Artikolu 7(12), it-tieni subparagrafu mill-obbligi li jintwera l-messaġġ tal-informazzjoni stabbilit skont l-Artikolu 9(2) u t-twissijiet tas-saħħha kkombinati stipulati fl-Artikolu 10. F'dak il-każ, u flimkien mat-twissija ġenerali prevista fl-Artikolu 9(1), kull pakkett individwali u kwalunkwe ppakkkjar estern ta' tali prodotti għandhom juru waħda mill-kitbiet ta' twissijiet elenkti fl-Anness I. It-twissija ġenerali spċifikata fl-Artikolu 9(1) għandha tinkludi referenza għas-servizzi ta' waqfien mit-tipjip imsemmija tal-Artikolu 10(1)(b).”

## *Artikolu 2*

### **Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn ... [*tmien xħur wara d-dħul fis-seħħħ*], il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom jaapplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn ... [*11-il xahar wara d-dħul fis-seħħħ*].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

## *Artikolu 3*

### **Dħul fis-seħħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea.

## *Artikolu 4*

### **Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 29.6.2022

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*